

Brussell, 13 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0202(COD)

7583/21
ADD 1 REV 1

CODEC 494
SOC 181
ECOFIN 317
FSTR 29
COMPET 232
FIN 255
CADREFIN 165

NOTA PUNT "I"

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Spostati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (I-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet |

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa t-tkomplija tal-funzjonament tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni bħala strument flessibbli li jhars 'il quddiem u li jipprovdi assistenza lill-ħaddiema spostati. Huwa għalhekk li l-Bulgarija appoġġat l-approċċ ġenerali dwar il-fajl u kienet kostruttiva rigward il-finalizzazzjoni tan-negozjati.

Madankollu, għandu jiġi nnotat li fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Għieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara.

F'konformità mad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq tal-Qorti Kostituzzjonali, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li l-pajjiż la jista' jaċċetta l-kunċett tal-ġeneru jew l-approċċ ibbażat fuq il-ġeneru tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u lanqas ma' jista' jaċċetta dokumenti oħra li għandhom l-għan li jagħmlu distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostruzzjoni soċjali.

Għaldaqstant, il-pajjiż ma jistax jappoġġa r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni li jinkludi n-nozzjoni ta' *identità tal-ġeneru*.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tqis ukoll li mhuwiex obligatorju li tintuża l-kategorija "mhux binarja" għar-rappurtar dwar l-indikaturi komuni fl-Anness II tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni. Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma għandhiex l-intenzjoni li tiġbor data rilevanti u tirrapporta dwarha peress li tali kategorija ma teżistix fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħha. Skont il-qafas leġislattiv domestiku tagħha, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiġbor data diżaggregata skont is-sess (raġel u mara).

Madankollu, il-pożizzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija rigward ir-Regolament ma jdgħajjef bl-ebda mod l-appoġġ tagħna għas-sustanza tal-Fond u l-oġettivi tiegħu.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali tagħha, f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fuq livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Ungerija ser tinterpreta espressjonijiet li fihom it-terminu "ġeneru" fir-Regolament bħala li jirreferu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE jew fil-kuntest (limitat) ta' din l-ugwaljanza. Barra minn hekk, l-Ungerija hija konvinta li b'rabta mal-applikazzjoni tal-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati, dan id-dokument leġislattiv mhuwiex il-post adattat biex jiġi ddefinit il-kontenut ta' "ġeneru". Għaldaqstant, l-Ungerija temmen li għandha tapplika n-nota 34 f'qiegħ il-paġna fl-Anness II u li din għandha tirreferi għat-terminu "ġeneru" u għall-parenteżi fl-intier tagħhom, u mhux biss għal wieħed mis-sottokategoriji elenkati hawnhekk. Fid-dawl tal-fatt li d-determinazzjoni tal-kontenut tat-terminu "ġeneru" taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, in-nota 34 f'qiegħ il-paġna tal-proposta għandha tinftiehem bħala li tirreferi għat-terminu "ġeneru" u mhux għat-terminu "mhux binarju".

Dikjarazzjoni mill-Polonja

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'espresjonijiet li jinkludu t-terminu "ġeneru", il-Polonja ser tinterpretah f'termini ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Punti 30 sa 33 jirrikjedu li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ integrata u interoperabbli li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u ta' kejl tar-riskju biex tiġi aċċessata u analizzata d-data meħtieġa, bil-ħsieb li tiġi applikata b'mod ġenerali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet qablu li jikkooperaw b'mod sinċier tul il-proċedura leġiżlattiva relatata mal-atti bażiċi rilevanti biex jiġi żgurat li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 ikollhom segwitu fir-rigward ta' dan l-element.

Il-Kummissjoni tqis li l-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi skont l-Artikolu 23(1a) dwar l-użu obligatorju ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u l-ġbir u l-analiżi tad-data dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċeventi tal-finanzjament mhuwiex biżżejjed biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u n-Next Generation EU kontra l-frodi u l-irregolaritajiet u biex jiġu żgurati verifiki effiċjenti dwar il-kunflitti ta' interess, l-irregolaritajiet, il-ħruġ tal-finanzjament doppju u l-użu ħażin kriminali tal-fondi. Għalhekk, l-approċċ maqbul mill-koleġiżlaturi fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema ssensjati ma jirriflettix b'mod xieraq l-ambizzjoni u l-ispirtu mixtieqa tal-Ftehim Interistituzzjonali.